*KURUNELLA*
*LIL SANT' ANDRIJA APPOSTLU*

*PATRUN TA' HAL LUQA*

**Miktuba mill-Kan. Dr. Ludovico Mifsud Tommasi**

## I

**Kbir Appostlu ta' l-Akaja**
**minn tal-Knisja gmiel u dija,**
**insellmulek, u nwegghuk**
**bl-akbar hrara, o Sant' Andrija.**

**Bhal Missier l-aktar hanin**
**sa mill-bidu lilek htarna:**
**mela qatt thalli l-ghadu**
**lilna jirbah, u jahqarna.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## II

**Minn tal-Fidi fil-Messija**
**inti kont il-fjur l-ewlieni,**
**Grejt, ilhaqt, issehibt mieghu,**
**mill-gherf tieghu xrobt qalbieni.**

**Bhala xtiel fil-gnien tal-knisja**
**ahna wkoll imhawla gejna:**
**inti fehemtna il-kbira ghozza**
**minn tal-Fidi li stqarrejna.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## III

**Hekk kif lehen Gesu' smajt;**
**b'nar imhabbtu qalbek kisbet:**
**tal-qdusija f'dak il-hin**
**ir-ruh tieghek bil-gmiel libset.**

**Dan in-nar sabiex nitqaddsu**
**nehtiguh iheggeg f'qalbna**
**dan in-nar biex taqlghalna**
**nitolbuk li tisma' talbna.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## IV

**B'Gesu' mghaxxaq lil Huk Pietru**
**mieghek gbidt, u lejh ressaqt,**
**minn ta' l-akbar fost l-Appostli**
**sirt l-Appostlu dak il-waqt.**

**Biex lejn Alla nigbdu 'l hutna,**
**u biex bhalek ruhna ngibu;**
**aghmel b'talbek li biss f'Alla**
**ahna l-ghaxqa kollha nsibu.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## V

**Fis hallejt ix-xbiek u d-dghajsa**
**kif Gesu' b'lehen hanin**
**minn sajjied li kont tal-hut**
**sajjied ghamlek tal-bnedmin.**

**Din il-qalb jenhtieg titbiddel**
**biex inhallu d-drawwiet taghna.**
**din il-hniena b'talbek aghmel**
**illi jsahhah Alla maghna.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## VI

**Minn ta' nar zieda fuq zieda**
**gewwa qalbek hieni lqajt**
**dak inhar li Ruh il-Qodos**
**niezel fuqek deher rajt.**

**B'talbek aghmel li jkun haqqna**
**dak in-nar minn tas-smewwiet**
**fina jinzel, qalbna jkebbes,**
**qatt ma jonqos, dlonk jizdied.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## VII

**Bhala xemx, li jarmi d-dija,**
**Tajjart boghod id-dlamijiet,**
**Lil Gesu' mislub habbart:**
**Rat id-dinja l-eghgubijiet.**

**Ghalkemm gharaq int xerridt,**
**u ghalkemm garrabt tbatija,**
**biex nifilhu ghal kull hemm**
**lilna wettaq kbir Andrija.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## VIII

**Il-Lhud, Xiti, Traci, Etjopi,**
**Kappadoci kkonvertejt:**
**il-Bitinja, u l-Asja kollha**
**b'dawl il-fidi mqaddsa ghanejt.**

**Hekk kif fl-ahhar hemm fl-Akaja**
**il-Mewt sibt, li kont tixtieq;**
**int ghallimtna b'liema hena**
**tas-Salib titghadda it-triq.**

Missierna, Sliema, Glorja.

## IX

**Xbiha hajja ta' Gesu'**
**bhalu mgholli fis-Salib;**
**b'lehen qawwi lilu xxandar,**
**u bhax-xemx mid-dinja tghib.**

**B'dik is-setgha li tak Alla**
**sewwa fl-art sew fis-smewwiet**
**lilna qaddes, talla' l-genna,**
**maghna sahhah l-eghgubijiet.**

Missierna, Sliema, Glorja.